# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-25 ta’ Settembru 2007

## dwar il-miżuri C 47/2003 (ex NN 49/2003) implementati fi Spanja għal Izar

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4298)*

**(It-test fil-lingwa Spanjola biss hu awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/141/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Tratta li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta’ l-Artikolu 88 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjonijiet ikkwotati hawn fuq ([1]) u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

## I. IL-PROĊEDURA

(1) F’Marzu tas-sena 2000, il-Kummissjoni saret taf li ngħataw tliet garanzija ta’ kunsinna mill-kumpanija pubblika Spanjola Sociedad Estatal de Participaciones Industriales (“SEPI”) lil Repsol/Gas Natural (“Repsol”) f’rabta mal-bini u l-kunsinna ta’ tliet LNG tankers li ngħataw b’kuntratt lil żewġ tarzni pubbliċi li dak iż-żmien kienu ta’ Astilleros Españoles (“AESA”), u li sussegwentement kienu trasferiti lill-grupp Izar. AESA u Izar kienu l-proprjetà assoluta ta’ SEPI.

(2) Permezz ta’ l-ittra tad-9 ta’ Lulju 2003, il-Kummissjoni nnotifikat lil Spanja bid-deċiżjoni tagħha biex tibda l-proċeduri skond l-Artikolu 88(2) dwar il-miżuri mhux notifikati.

(3) Permezz ta’ l-ittri tal-5 ta’ Awissu 2003 u tat-22 ta’ Ottubru 2003, l-awtoritajiet Spanjoli ssottomettew il-kummenti tagħhom għall-ittra tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti minn parti waħda interessata (Repsol) f’Ottubru 2003 u fi Frar 2004. Il-Kummissjoni bagħtithom lil Spanja, li kellha l-opportunità li tagħti r-reazzjoni tagħha. Il-kummenti ta’ Spanja waslu pemezz ta’ l-ittri tat-12 ta’ Jannar 2004 u ta’ l-10 ta’ Mejju 2004, rispettivament.

(4) Fil-kuntest ta’ żewġ deċiżjonijiet dwar għajnuna mill-Istat mhux marbuta mal-proċedura preżenti ([2]), adottati matul l-2004 (jiġifieri wara l-investigazzjoni formali dwar il-garanziji minn LNG tanker), il-Kummissjoni sabet li l-għajnuna mill-Istat ta’ EUR 864 miljun mogħtija lil Izar minn Spanja ma kenitx kompatibbli mat-Trattat, u ordnat li jsir l-irkupru tagħha.

(5) Permezz ta’ l-ittra tal-5 ta’ Awissu 2004, Spanja invokat l-Artikolu 296 tat-Trattat ([3]) bil-għan li teħles lill-attività militari tal-bini tal-vapuri minn falliment previst ta’ Izar, b’konsegwenza ta’ ordni ta’ rkupru. F’korrispondenza sussegwenti, l-awtoritajiet Spanjoli spjegaw ukoll lill-Kummissjoni kif tkun tista’ tiffunzjona il-kumpanija militari ġdida tal-bini tal-vapuri li qabel kienet magħrufa bħala Bazán (“Navantia”), iddeskrivew l-impenji tagħhom relatati mat-tħassib dwar il-kompetizzjoni, u pproponiet metodoloġija għas-segwitu ta’ dawn l-impenji.

(6) Fil-frattemp, l-ordnijiet pendenti ta’ l-irkupru ta’ Izar, li kienu jammontaw għal EUR 1,2 biljun ([4]) wasslu lill-kumpanija għal sitwazzjoni li kellha valur nett negattiv, u falliment finanzjarju tekniku. Minħabba dan, fl-1 ta’ April 2005, Spanja illikwidat it-tarzni ċivili li kien għad kellha Izar (jiġifieri, it-tarzni li kienu barra mill-parametri tal-kumpanija l-ġdida Navatia: Gijón, Sestao, Manises and Seville), u nediet proċedura ta’ privatizzazzjoni għal dawk it-tarzni.

## II. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI TA’ GĦAJNUNA

(7) Fl-1999, Repsol tat kuntratt kull wieħed lil tliet sidien tal-vapuri għal *chartering* ta’ LNG tanker, flimkien ma’ l-għażla għal tanker żejjed kull wieħed, skond ftehim fit-tul ta’ *charter*.

([1]) ĠU C 209, 4.7.2003, p. 24.

([2]) Il-Kawżi C 38/2003 u C 40/2000.

([3]) Dan l-Artikolu jippermetti lil Stat Membru li “jieħu dawk il-miżuri li jikkonsidra li huma neċessarji għall-protezzjoni ta’ l-interessi essenzjali għas-sigurtà tiegħu li għandhom x’jaqsmu mal-produzzjoni ta’ l-armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra jew tal-kummerċ tagħhom”.

([4]) Flimkien maż-żewġ deċiżjonijiet ta’ l-2004, deċiżjoni aktar antika ta’ l-1999 (Kawża C 3/99) kienet titlob ukoll mingħand Izar l-irkupru ta’ EUR 111 miljun.

(8) Sussegwentement, seħħew negozjati biex jinbnew tliet LNG tankers bejn is-sidien tal-vapuri l-bennejja tal-vapuri, li kienu jinkludu lit-tarzni tal-Korea. Fil-31 ta' Lulju 2000, żewġ tarzni pubbliċi Spanjoli li kienu għadhom kemm ġew trasferiti minn AESA għal Izar [1] ingħataw tliet kuntratti għall-bini ta' LNG tankers u ġew iffirmati l-kuntratti finali għall-bini tal-vapuri.

(9) Fl-istess jum, AESA iffirmat klawżola addizzjonali għal kull kuntratt ta' bini tal-vapuri li bih ikkommettiet li tgħabbi lil Repsol bl-ispejjeż kollha jekk il-vapuri ma jitlestewx skond it-termini kuntrattwali għal raġunijiet li għalihom it-tarzni jistgħu jinżammu responsabbli.

(10) Fl-istess jum (il-31 ta' Lulju 2000), SEPI tat lil Repsol garanziji ta' kunsinna għal kull wieħed mit-tliet kuntratt għal bini ta' vapuri, li kienu jkopru l-istess danni u ħsarat li għalihom AESA żammet lil Repsol finanzjarjament responsabbli [2]. It-telf finanzjarju kien iffissat għal massimu ta' madwar EUR 180 miljun għal kull vapur, jiġifieri għal total medju massimu ta' madwar EUR 540 million. Il-garanziji ngħataw għall-perjodu li jibda mill-31 ta' Lulju 2000 sa tmiem il-perjodu li jintemm 12-il xahar wara li jitlesta kull vapur [3].

### III. RAĠUNIJIET BIEX TINBEDA L-PROĊEDURA

(11) Fid-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' Lulju biex tinbeda l-proċedura formali ta' investigazzjoni ("id-deċiżjoni inizjali"), il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tliet miżuri ta' għajnuna jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, u kellha dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq komuni. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-benefiċjarji ta' l-għajnuna kienu t-tarzni, iżda ma eskludietx il-possibbiltà li Repsol setgħet ibbenefikat ukoll mill-għajnuna, u ddeċidiet li l-proċedura ta' l-Artikolu 88(2) għandu jinkludi lil Repsol, sabiex tippermetti li ssir sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tneħħi dawn id-dubji.

### IV. IL-KUMMENTI RĊEVUTI WARA L-BIDU TAL-PROĊEDURI FORMALI

(12) Fil-kummenti tagħha, Repsol insistet fuq id-distinzjoni li għandha ssir bejn il-pożizzjoni tagħha bħala benefijarju kuntrattwali tal-garanziji, u kull benefiċċju allegat li jkun ġej minn għajnuna mill-Istat. Skond Repsol:

— Il-garanziji minn SEPI koprew il-benefiċċji li għalihom Repsol kienet intitolata skond il-liġi ċivili u kummerċjali Spanjola. Il-garanziji kienu jikkorrispondu mal-pożizzjoni tal-kreditur ta' Repsol vis-à-vis s-sidien tal-vapuri, Izar u t-tarzni. Repsol ma kellha tħallas l-ebda primjum għall-garanziji, minħabba li mhux il-prattika tas-suq li l-kumpaniji li jiksbu s-sigurtà fir-rigward ta' l-obbligi kuntattwali għandhom iħallsu għal din is-sigurtà.

— Minbarra dan, il-garanziji ma kienu jipprovdu lil Repso b'ebda vantaġġ ekonomiku fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 67(1) tat-Trattat. B'mod simili għall-garanziji li kienu rċevuti mill-kumpaniji "parent" tas-sidien tal-vapuri, il-kontrogaranziji ta' SEPI assiguraw biss li t-termini kuntrattwali tal-kuntratti taċ-*chartering* tal-vapuri u l-kuntratti tal-bini tal-vapuri kellhom jiġu osservati, b'hekk ikunu qed jgħinu lil Repsol biex ikunu konformi mal-kuntratti ta' trasportazzjoni ta' LNG li kienu ffirmati ma' partijiet oħra.

— Repsol kienet teħtieġ garanziji addizzjonali ma' dawk mogħtija lil Izar irrispettivament minn jekk kinux minn SEPI jew minn xi entità oħra. Dawn il-garanziji huma rekwiżit skond il-prattika tas-suq, minħabba d-daqs u r-riskji ta' l-investimenti u ta' l-impenji kummerċjali kkonċernati.

(13) Is-sottomissjoni minn Spanja qablet ma' l-argumenti li ssemmew fir-rigward tal-pożizzjoni ta' Repsol. L-awtoritajiet Spanjoli għalhekk ikkonkludew li Repsol ma setgħetx tkun ikkunsidrata bħala benefiċjarju ta' l-għajnuna.

### V. VALUTAZZJONI

#### Il-pożizzjoni ta' Repsol bħala benefiċjarju potenzjali ta' l-għajnuna

(14) Wieħed mill-għanijiet tad-deċiżjoni inizjali kien biex jidentifikaw il-benefiċjarji ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat u kienet tinvolvi l-garanziji ta' kunsinna mogħtija minn SEPI.

(15) Il-Kummissjoni tinnota li, skond il-liġi ċivili, il-fornitur ta' oġġett jew servizz hu responsabbli għat-twettiq tal-kuntratt li jkun iffirma x-xerrej. Din ir-responsabbiltà tkopri kemm il-kwalità tal-prodott u ż-żmien miftiehem biex dan jiġi fornut. Għalhekk, jekk ma jkunx irrispettat ftehim kuntrattwali u b'riżultat ta' dan ix-xerrej isofri telf jew dannu, dan ta' l-aħħar jista' jitlob għal kumpens. Fil-każ mistħarreġ, dan il-kumpens kellu jinġarr mit-tarzna jew mill-kumpanija paterna Izar.

[1] Fl-20 ta' Lulju 2000, AESA biegħet lil Izar iż-żewġ tarzni li kienu responsabbli għall-bini ta' LNG tankers. Permezz ta' l-ittra tat-13 ta' Frar 2003, l-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li Izar kienet ħadet ir-responsabbiltà għall-impenji ta' AESA f'rabta mal-kuntratti tal-bini tal-vapuri

[2] Skond it-termini ta' garanzija, SEPI għandha tagħti garanzija lil Repsol għall-ispejjeż diretti u indiretti u għal kull telf sussegwenti li Repsol jista' jkollha jekk il-vapuri ma jitlestewx skond it-termini tal-kuntratt għal raġunijiet li għalihom Izar tista' tinżamm responsabbli.

[3] Skond il-kuntratt għall-bini tal-vapuri, il-vapuri kellhom jitlestew fil-15 ta' Settembru 2003, fil-15 ta' Diċembru 2003 u fil-15 ta' Marzu 2004, rispettivament.

(16) Minħabba dan, jidher li Repsol, li kienet kriet il-vapuri prodotti minn (tarzni li huma l-proprjetà ta') Izar, kienet f'pożizzjoni ta' kreditu vis-à-vis is-sidien tal-vapuri u Izar. Għalhekk, ma tistax tinżamm responsabbli taħt il-kuntratti tal-bini tal-vapuri, inkluża l-klawżola addizzjonali miżjuda magħhom.

(17) Meta jkun ikkunsidrat dan ta hawn fuq, u skond il-kummenti ta' Repsol u ta' Spanja, il-Kummissjoni tikkonkludi li Repsol ma tistax tkun ikkunsidrata bħala benefiċjarju ta' l-għajnuna, minħabba li ma kisbet l-ebda benefiċċju li għalih ma setgħetx kienet intitolata fuq il-bażi tal-liġi ġenerali ċivili jew kummerċjali.

**Konklużjoni**

(18) Il-Kummissjoni tikkonsidra li l-likwidazzjoni volontarja ta' l-assi ta' Izar kienet miżura xierqa għall-iskop ta' l-implimentazzjoni minn Spanja għat-tliet deċiżjonijiet pendenti ta' rkupru. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-impenji u l-azzjonijiet li ttieħdu minn Spanja kienu biżżejjed biex ma jħallux li tkun imfixkla l-kompetizzjoni.

(19) Il-Kummissjoni hi wkoll ta' l-opinjoni li l-proċedura għall-offerta tal-bejgħ ta' l-erba' tarzni ċivili saret minn Spanja b'manjiera sodisfaċenti, permezz ta' proċedura miftuħa, trasparenti u bla kundizzjonijiet. B'mod partikolari, fit-3 ta' Novembru 2006 il-Kunsill tal-Ministri Spanjol awtorizza l-bejgħ tat-tarzni ta' Sestao, Gijón u Seville lill-appaltaturi li rebħu l-offerta. Il-kuntratti ta' privatizzazzjoni ġew iffirmati fit-30 ta' Novembru 2006. Fir-rigward tat-tarzna li fadal (Manises), ġie konkluż li l-għażla li mmassimizzat il-valur tal-likwidazzjoni kienet tikkonsisti filli tingħalaq it-tarzna, u li l-assi jkunu trasferiti lil SEPI.

(20) B'riżultat tal-likwidazzjoni u l-bejgħ ta' Izar, il-kumpanija waqqfet l-attivita' ekonomika kollha b'mod definittiv. L-unika raġuni għaliex għadha teżisti Izar hi sabiex tkun tista' twettaq il-kompiti relatati mat-twaqqif ta' l-attivitajiet tagħha, partikolarment it-terminazzjoni tal-kuntratti ta' l-impjegati. Ladarba jkunu mitmuma dawn il-kompiti, Izar tkun illikwidata. Dawn l-attivitajiet mhumiex tat-tip li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni pprovduti fit-Trattat. Konsegwentement, anke jekk wieħed jassumi li l-miżuri kkonċernati kienu jfissru li Izar ħadet benefiċċju u kienu ta' tfixkil għall-kompetizzjoni, il-Kummissjoni tikkonsidra li dan it-tfixkil waqaf fil-mument li Izar waqqfet l-attivitajiet ekonomiċi u għalqet it-tarzni. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri bħala għajnuna u dwar il-kompatibbiltà tagħhom ma jista' jkollha l-ebda effett prattiku.

(21) Konsegwentement, l-investigazzjoni formali li nbdiet skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat ma fadlilha l-ebda skop.

## VI. KONKLUŻJONI

(22) Fuq il-bażi tal-konsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li Repsol ma tistax tkun ikkunsidrat bħal benefiċjarja ta' l-għajnuna disputata, u li l-proċedura kontra t-tarzni ta' Izar ma fadlilha l-ebda skop,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-proċedura formali ta' investigazzjoni skond l-Artikolu 88 (2) tat-Trattat hi magħluqa.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Spanja.

Magħmula fi Brussell, 25 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*